

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati](#) > [Cyprus](#)

Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)



Ċipru

1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Iva, għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rreġistrati fis-CY Login (is-servizz ta' lloggjar uniku għas-servizzi diġitali fir-Repubblika ta' Ċipru). L-aċċess għas-servizz isir mill-kompjuters li jkunu jinsabu f'Ċipru.

2 Jekk proċedura b'hal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Huwa possibbli għall-kawżi fil-qrati speċjalizzati, amministrattivi u tal-proċedura ċivili (bl-eċċezzjoni tal-Qorti Amministrattiva għall-Protezzjoni Internazzjonali). Il-Qorti Kostituzzjonali Suprema, il-Qorti Suprema (fil-ġurisdizzjoni tat-tielet istanza tagħha) u l-qrati li jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni kriminali huma esklużi.

3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Il-faċilità hija disponibbli 24 siegħa kuljum, ħlief meta s-sistema elettronika ma tkunx qed taħdem minħabba manutenzjoni pprogrammata.

4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?

Ċertu dettalji rigward talba, b'had-dettalji tal-partijiet — iżda bl-esklużjoni tal-atti proċedurali — jiddaħħlu fis-sistema elettronika.

5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

Is-sistema tissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa għat-trażmissjoni u l-ħżin tad-data b'mod sigur.

6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

L-użu ta' firma elettronika mhuwiex meħtieġ. L-irreġistrar tal-ħin isir b'mod awtomatiku mis-sistema.

7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?

It-tariffi tal-qorti jitħallsu bl-istess mod u ammont bħal fil-proċedimenti mhux elettroniċi.

8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdew permezz tal-internet?

Mhuwiex possibbli li talba tiġi rtirata ladarba tkun ġiet irreġistrata, sakemm id-dħul tagħha ma jkunx għe miċħud mill-uffiċjal tar-reġistrazzjoni kompetenti.

9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

Iva.

10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

Il-proċedimenti jinbdew, iseħħu u jitlestew b'mod elettroniku.

11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

Il-proċedimenti jseħħu bl-istess mod bħal dak tal-proċedimenti mhux elettroniċi. Japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti fis-seħħ.

12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?

Iva, huwa possibbli għat-tipi ta' kawżi msemmija fil-punt (2) hawn fuq.

13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?

Le, jiġu nnotifikati wiċċ imb wiċċ.

14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Iva. Id-deċiżjonijiet jiġdiedu mal-fajl elettroniku tal-kawża u l-partijiet ikunu jistgħu jaċċessawhom minn hemmhekk.

15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Huwa possibbli li jiġi ppreżentat appell permezz tas-sistema, meta applikabbli. L-appelli jiġu nnotifikati wiċċ imb wiċċ.

16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Iva, iżda mhux kompletament u mhux għall-kawżi kollha.

17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

Iva, billi jingħata aċċess għall-fajl elettroniku tal-qorti li jirrigwardahom.

■ L-aħħar aġġornament: 27/10/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.